MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 92/2004

Il-Puluzija
(Spt. Martin Sammut)
Vs

Victor Xuereb

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-1 ta' Ottubru tas-sena 2003 fil-fond "Downtown" li jinsab gewwa Triq San Giljan, San Gwann, meta hu kien qed jiggestixxi l-imsemmi fond, bhala l-persuna li fuqu huwa licenzjat l-imsemmi fond:**

**1. Zamm, opera, jew halla li tinzamm jew tigi operata magna tal-loghob li ma kienetx licenzjata;**

**2. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel xi haga u cioe' zamm, opera jew halla li tinzamm jew tigi operata magna tal-loghob li ma kienetx licenzjata, minghajr licenzja ta' l-awtorita' kompetenti, meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita' kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;**

**3. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna licenzjata zamm magna awtomatika tal-moghdija taz-zmien jew halla li jinzammu magni fil-post licenzjat.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Marzu, 2004, li biha wara li rat l-artikolu 688 (f) tal-Kap 9 u stante giet preskritta ai termini ta' l-artikolu fuq citat.**

**Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-12 ta' April, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti kkonsidrat li la darba kien hemm korrezzjoni , allura kien hemm preskrizzjoni u li dan kien skorrett ghaliex mhux kull korrezzjoni hija tali li twassal necessarjament ghall-akkuza gdida . Illi f' dan il-kaz il-korrezzjoni kienet marginali w ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet skorretta fl-applikazzjoni tal-ligi ;**

**Fliet l-atti processwali ;**

**Rat id-Digriet Taghha tat-13 ta' Mejju, 2004, li bih ordnat lill-Avukat Generali sabiex fi zmien jumejn jindika b' nota l-artikoli tal-ligi li jikkontemplasw l-akkuzi dedotti kontra l-appellat u l-piena relattiva ghal kull wiehed minnhom;**

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-14 ta' Mejju, 2004 li biha ndika w ghamel riferenza ghar-Regolamenti 3 u 7 tal-

Avviz Legali numru 43 tal-1988 (fejn il-piena hija dik stabilita ghall-kontravvenzjonijiet taht il-Kodici Kriminali) kif ukoll ghar-Regolamenti 9 u 15 kontenut fis-Subsidiary Legislation 128.01 (fejn il-piena ghal dawn ir-reati , ghal darb'ohra, hija dik stabilita ghall-kontravvenzjonijiet taht il-Kodici Kriminali);

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tas-27 ta' Mejju, 2004;

Ikkonsidrat;

Illi mhux kontestat li l-preskrizzjoni applikabbli f' dan il-kaz kienet dik trimestrali skond l-artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali stante li kif jaqbel l-Avukat Generali, l-piena stabilita hija dik tal-kontravvenzjonijiet skond il-Kodici Kriminali;

Illi l-fatti procedurali li wasslu ghas-sentenza appellata kienu s-segwenti. Fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2004, quddiem l-Ewwel Qorti, l-Ufficjal Prosekutur talab korrezzjoni fil-komparixxi fis-sens illi kull fejn hemm il-kliem : *"gambling machine*" dawn jigu kancellati . Id-difiza tablet notifika mill-gdid tal-komparixxi kif korretta u ghalhekk l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawza ghat-18 ta' Marzu, 2004. Fit-18 ta' Marzu, 2004 umbaghad l-Avukat Difensur eccepixxa l-preskrizzjoni . Gie verbalizzat li l-Ufficjal Prosekutur ma qabilx ma din it-tezi w dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 693 tal-Kap.9 . Il-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni, ghaddiet biex tat is-sentenza appellata.

Fil-kaz in ezami r-reati allegatament gew kommessi fil-11 t' Ottubru, 2003 . Il-komparixxi giet iffirmata mill-Ispettur M. Sammut fil-15 ta' Dicembru, 2003 u l-appellat effettivament deher quddiem il-Qorti fil-5 ta' Frar, 2004. Dak in-nhar ma giet sollevata ebda eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq l-akkuzi kif kienu jidhru fil-komparixxi qabel ma ntalbet il-korrezzjoni mill-prosekuzzjoni w

ghalhekk din il-Qorti ghandha necessarjament tipprezumi, salv prova kuntrarja, li l-appellat kien irceva c-citazzjoni ghal dik is-seduta qabel ma kienu ghaddew it-tlitt xhur u cioe' qabel il-11 ta' Jannar, 2004.

Illi wara li ntalbet il-korrezzjoni tal-akkuzi kif fuq intqal – u prezumibbilment din it-talba giet milqugha mill-Ewwel Qorti ghax ghalkemm dan ma giex verbalizzat , fuq l-original tal-komparixxi hemm proprju korrezzjoni awtorizzata ffirmata mill-Magistrat li tirrispejjka t-talba – d-difiza tablet in-notifika mill-gdid tal-komparixxi kif korretta . Fit-tieni seduta tat-18 ta' Marzu, 2004, l-appellat eccepixxa ghall-ewwel darba l-preskrizzjoni . F'dan l-istadju w addirittura meta prezumibilment saret in-notifika mill-gdid wara l-udjenza tal-5 ta' Frar, 2004, kienu ovvjament gja ghaddew aktar minn tlitt xhur mid-data tal-kommissjoni tal-allegati reati. Il-Prosekuzzjoni pero' qed targumenta li f'dan il-kaz il-korrezzjoni mitluba kienet wahda marginali w ghalhekk il-preskrizzjoni kienet giet interrotta bin-notifika tal-komparixxi originali ossia qabel ma saret il-korrezzjoni ordnata fil-5 ta' Frar, 2004.

Iilli in sostenn tat-tezi taghha l-Prosekuzzjoni iccitat zewg sentenzi ta'  din il-Qorti diversament preseduta fil-kawzi fl-ismijiet : "**Il-Pulizija vs. Silvio Vassallo"** [19.11.1999] u **"Il-Pulizija vs. Joseph Ellul**" [17.2.1999]. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa dawn iz-zewg sentenzi w sabet li m'ghandhom  ebda rilevanza ghall-kaz odjern ghax jindirizzaw fattispecji w punti ta' dritt  ghal kollox differenti minn dawk mertu ta' dan l-appell u cioe' jekk tintalab u tigi akkordata talba ghal-korrezzjoni tal-komparixxi u jintalab u jigi akkordat differiment ghan-notifika mill-gdid tac-citazzjoni kif korretta, tistax tigi eccepita l-preskrizzjoni jekk fil-frattemp ikun ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni relattiv. Il-Qorti thoss li ghandha tiddeplora c-citazzjoni ta' sentenzi bl-addocc minghajr ma wiehed jara sew jekk il-punt deciz ikollux x'jaqsam mall-kaz in dizamina.

Illi hija zgur aktar rilevanti s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Miriam Gravina"** [9.6.1995] (per V. DeGaetano J.), fejn gie ritenut li  biex f' cirkostanzi analogi tirmexxi l-eccezzjoni

tal-preskrizzjoni , irid ikun il-kaz li bil-korrezzjoni mitluba w akkordata l-fatti imputati lill-appellat (appellanti f' dak il-kaz) iridu jkunu qeghdin b' xi mod jimbidlu w ma jridx ikun xi kaz ta' *lapsus calami* bhal per ezempju, kif gara f' dak il-kaz, fejn l-isem tal-vittma minnflok "Daniel" inkiteb "Daniela" u ghalhekk kienet intalbet il-korrezzjoni opportuna. F'kazijiet ta' korrezzjoni ta' xi zball simili , dik il-Qorti osservat li l-korrezzjoni setghet anki ntalbet u ntlaqghet wara li jkunu bdew jinstemghu l-provi w l-imputat lanqas ikun intitolat ghal xi differiment biex tigi notifikata mill-gdid bl-imputazzjoni , peress li l-imputazzjoni tkun baqghet sostanzjalment l-istess u b'tali korrezzjoni l-imputat ma jkunx gie pregudikat b'ebda mod fid-difiza tieghu . "Arguendo a contrario sensu" , fejn allura it-tibdil mitlub ikun ser ibiddel il-pozizzjoni sostanzjalment , allura l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tirmexxi .

Issa f' dan il-kaz pero' din il-Qorti ma tistax taqbel mall-Prosekuzzjoni li l-korrezzjoni mitluba ma bidlitx is-sustanza tal-imputazzjoni . Originalment l-akkuzi kienu ta' zamm, operazzjoni ta' u thollija ta' operazzjoni ta' magna tal-loghob jew magna awtomatika tal-moghdija taz-zmien , li f' kull imputazzjoni giet deskritta fil-brackets bhala "Gambling Machine", minghajr licenzja . Bil-korrezzjoni mitluba tnehhiet din il-kwalifika li l-magna jew magni kienu "gambling machines" li prezumibilment huma regolati b'ligijiet (eg. Il-Gaming Act ,Kap.400 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn hemm pieni ferm aktar horox ta' multi kbar u prigunerija) differenti minn dawk invokati mill-Prosekuzzjoni fil-komparixxi w issa mill-Avukat Generali fin-nota tieghu fuq imsemmija . Tant l-Ewwel Qorti korrettement hasset li dan kien il-kaz li laqghet it-talba tad-difiza ghan-notifika mill-gdid tal-komparixxi kif korretta w fil-fatt hekk sar.

Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mall-Prosekuzzjoni li f' dan il-kaz il-korrezzjoni akkordata kienet wahda marginali jew li ma tbiddilx sostanzjalment l-imputazzjoni . Ghamlet sew l-Ewwel Qorti li ordnat in-notfika mill-gdid tal-komparixxi kif korretta w dan ovvjament wassal umbaghad biex fit-tieni udjenza giet sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trimestrali li kienet altru milli ben fondata

ghax sadattant kienu zgur ghaddew aktar minn tlitt xhur mill-kommissjoni tal-allegati reati.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell ta' l-Avukat Generali w tikkonferma s-sentenza appellata .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------